**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Frar 2019**

Kawza Numru: 10/2017MS

Antonio Portelli (K.I. 12579G)

vs

George Camilleri (K.I. 17784G)

It-Tribunal,

Ra l-avviz tal-atturipprezentat fit-13 ta' Frar 2017 fejn talab lil dan it-Tribunal sabiex jikundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' elf sitt mija u ghoxrin Euro u tlett centezmi (€1620.03) rapprezentanti kwantu ghal seba mija u disgha u disghin Euro u tlieta u disghin centezmu (€799.93) paga zejda mhallsa lill-konvenut li kien impjegat mal-attur kif spjegat u kkalkulat fir-rapport Dok A u kwantu ghal tmien mija u ghoxrin Euro u ghaxar centezmi (€820.10) rifuzjoni ta' hlas li l-attur kellu jaghmel bi hlas ta' danni kkagunati mill-konvenut fl-14 ta' April 2015 f'incident tat-traffiku gewwa Marsalforn liema incident gara minhabba agir traskurat u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tal-konvenut. (Dok B).

Ra r-risposta tal-konvenut tat-23 ta' Frar 2017 fejn eccepixxa preliminarjament illi dan it-Tribunal ma huwiex kompetenti sabiex jisma kwistjonijiet relatati max-xoghol u dana ai termini tal-Artikolu 75 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta; fit-tieni lok eccepixxa r-res judicata stante li dina l-kwistjoni diga giet deciza definittivament mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudiktaura Kriminali; illi fit-tielet lok it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt; Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza.

Ra l-verbal tat-30 ta' Novembru 2018 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet preliminari.

Ra n-noti ta' osservazzjonijiet ipprezentati mill-partijiet.

Ikkunsidra

Illi din il-kawza tirrigwarda r-rifuzjoni ta' paga zejda imhallsa lill-konvenut kif ukoll ir-rifuzjoni ta' flus imhallsa lil Agius Services Limited bhala danni ikkawzati mill-konvenut wara incident tat-traffiku. Ghal din it-talba il-konvenut ghamel zewg eccezzjonijiet preliminari - wahda rationae materiae - peress illi dina kienet kwistjoni relatata ma' xoghol u t-tieni, res judicata stante li din il-kwistjoni giet deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni il-konvenut jinsisti li l-kwistjoni hija wahda ta' natura industrijali u ghalhekk ghandha tinstema mit-Tribunal Industrijali. Min-naha l-ohra, l-attur ihoss li r-rimedju li qieghed ifittex huwa fil-kompetenza tal-Qrati ordinarji.

Il-konvenut invoka favur tieghu l-artikolu 75(1) tal-Kap 452. It-Tribunal Industrjijali huwa Tribunal specjali li jagixxi strettament fil-parametri tal-ligi li waqqfitu (Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta) u s-setghat tieghu huma dawk espressament indikati fl-istess ligi. Il-gurisdizzjoni tat-Tribunal hija specifikata fl-artikolu 75 fejn jinghad illi t-Tribunal ghandu gurisdizzjoni esklussiva fil-kwistjonijiet kollha ta' tkeccija allegatament ingusta mill-impjieg u wkoll fil-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I tal-Att.

Dan it-Tribunal jaqbel mal-argument tal-attur fin-nota tas-sottomissjonijiet tieghu meta jghid li t-Tribunal Industrjali ghandu gurisdizzjoni esklussiva f'kazijiet fejn qed ikun jigi allegat li saret tkeccija ingusta (li m'huwiex il-kaz hawnhekk) u li mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I jaqghu taht il-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal, izda biss kull fejn tghid u tispecifika dan l-istess ligi.

L-attur f'din il-kawza qed jitlob ir-rifuzjoni ta' paga zejda imhallsa lill-konvenut meta kien impjegat *'whole-time'* mal-attur, kif ukoll ir-rifuzjoni ta' ammont imhallsa bhala danni konsegwenza ta' incident ta' traffiku allegatament tort tal-konvenut. It-Tribunal ezamina bir-reqqa l-istess artikoli u huwa tal-fehma li l-kwistjoni odjerna, anke jekk temani minn relazzjoni ta' impjieg ma taqax taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrjali izda taht il-kompetenza tal-Qrati ordinarji. Ghal aktar approfondament ghal kwistjoni imqajma mill-konvenut, it-Tribunal jaghmel referenza ghal kawza fl-ismijiet Charichelon Company Limited vs Amanda

Greaves tat-12 ta’ Frar 2014 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati u a skans ta’ repetizzjoni dan it-Tribunal jaghmel pjena referenza.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi ghandu kompetenza biex jisma din il-kawza u konsegwentement jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni eccezzjoni ta’ res judicata, l-konvenut qieghed jistrieh fuq sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fid-29 ta’ Settembru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Antonio Portelli, dan tal-ahhar l-attur odjern. F’din il-kawza minbarra sejba ta’ htija, l-akkuzat Antonio Portelli gie kundannat li jhallas lil George Camilleri (il-konvenut odjern) l-ammont ta’ seba mija disgha u disghin Euro u tlieta u disghin centezmi (€799.93) fi zmien tlett xhur mid-data tas-sentenza. Din is-sentenza ma gietx appelata u kwindi ghaddiet in gudikat. Dan il-pagament sar taht protesta u minghajr pregudizzju ghad-dritt tal-mittenti li jitlob ir-rifuzjoni tal-istess ammont (Dok AP3). Dan huwa propju parti mill-mertu ta’ din il-kawza.

Illi f’dan il-kuntest, huwa risaput li sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tar-res judicata jehtieg li jkun hemm il-konkorrenza ta’ tlett elementi u cjoe’ eadem personae, eadem res u eadem causa petendi - u cjoe’ l-istess persuni fuq l-istess suggett u ghall-istess kawzali. (Joseph Camilleri vs Lilian Mallia - Qorti tal-Appell - 5 ta’ Ottubru 1998.

Illi f’dan il-kaz, avolja l-persuni huma l-istess fis-sens illi t-tnejn - kemm Antonio Portelli kif ukoll George Camilleri - huma msemmija f’dan il-gudikat fis-sens illi George Camilleri deher bhala parte civile fil-kawza kriminali u Antonio Portelli bhala imputat, il-kawzali huma differenti bhalma huma differenti il-konsegwenzi naxxenti minn kawza kriminali u dawk naxxenti minn kawza civili.

Fil-kawza kriminali l-attur odjern Antonio Portelli gie misjub hati bhala akkuzat talli kiser il-provvedimenti tal-Art 45 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta u gie liberat taht kundizzjoni fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fl-istess sentenza l-Qorti ordnat lill-akkuzat - l-attur odjern - li jhallas lil George Camilleri l-ammont ta’ €799.93 fi zmien tlett xhur mid-data tas-sentenza. Kif gja nghad, dan il-pagament sar taht protesta u b’rizerva ghad-drittijiet civili ta’ Antonio Portelli.

Din il-kawza hija konsegwenza tal-azzjoni kriminali fuq imsemmija izda m’hijiex l-istess wahda peress illi hawnhekk l-attur qed jinvoka d-drittjiet civili tieghu kif kawtelati bil-pagament fuq imsemmi. L-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili huma indipendenti u ben differenti minn xulxin, minhabba l-konsegwenzi li jgibu. Filwaqt illi fl-azzjoni kriminali l-akkuza trid tigi pruvata minghajr dubju dettat mir-raguni, fl-azzjoni civili l-attur irrid jipprova l-istanza tieghu sal-grad tal-probabbli. Kif qal l-attur fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu iz-zewg istanzi jwasslu ghal

zewg azzjonijiet li jitmexxew indipendentement minn xulxin. F'dan il-kaz l-attur mhux qed jitlob gudizzju ta' natura kriminali izda rizarciment ghad-danni civili wara hlas maghmul taht protesta u danni civili konsegwenza ta' incident tat-traffiku. Kwindi l-element ta' eadem causa petendi ma jreggix u la darba ghandek element jew adirritura tnejn neqsin din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.

Ghal din ir-raguni it-Tribunal jichad ukoll it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u jordna l-prosegwiment tal-kawza bi smigh dwar il-mertu.

Dr Michela Spiteri LL.D.
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*